IR-RABAT

**KUNSILL LOKALI IR-RABAT**
**IS-SEBA' LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU G 04**

* **Il-Kunsill iltaqa` nhar**
**It-Tlieta 21 ta' Mejju 2013 fis-7.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat** — Data u ħin

** **Preżenti għal-Laqgħa:** — Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi Sindku |
| Is-Sur Antoine Borg | Kunsillier |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |
| Is-Sra Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużat:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |

**1.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 02**

1.01 Il-minuti tas-seduta nru G02 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. — Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 02

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti G 02** — Punti li joħorġu mill-Minuti G 02

** Il-Viċi Sindku Doris Coleiro u l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi daħlu għal-laqgħa fis-7.15 ta' filgħaxija.


8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

2.01 13.02 Is-Sindku Charles Azzopardi ppreżenta fuq il-mejda tal-Kunsill l-istima tal-perit għax-xogħol ta' *resurfacing* ta' Sqaq fi Triq il-Ġarġir. Hu qal li l-istima hija ta' €11,341,85.

*Resurfacing* ta' Sqaq fi Triq il-Ġarġir

Il-Kunsill qabel unanimament li jsir ix-xogħol fuq l-imsemmi sqaq.

2.02 13.04 Is-Sindku Charles Azzopardi ppreżenta fuq il-mejda tal-Kunsill l-istimi tal-perit għal xogħlijiet ta' *extensive patching* ġewwa Wied Rini (ħdejn tal-Go),Triq Misraħ Suffara u d-Dwejra. Hu qal li l-istimi għal dawn ix-xogħlijiet hija ta' €20,622.92

*Extensive patching* ġewwa Wied Rini (ħdejn tal-Go), Triq Misraħ Suffara u d-Dwejra

Il-Kunsill qabel unanimament li jsir ix-xogħol fuq l-imsemmi toroq.

2.02 13.07 Is-Sindku qal li fil-laqgħa li l-Kunsill kellu mas-Segretarju Parlamentari l-Onor. Franco Mercieca l-Kunsill ġie mitlub sabiex jibgħat it-talba flimkien mal-proposta tiegħu, sabiex jinstab post alternattiv biex jintuża bħala Day Centre.

Talba għal laqgħa mas-Segretarju Parlamentari l-Onor. Franco Mercieca

Il-Kunsill qabel li t-talba għandha tkun għall-iskola sekondarja li ser tgħalaq il-bibien tagħha fix-xhur li ġejjin.

** Il-Kunsillier Antoine Borg daħal għal-laqgħa fis-7.35 pm.

## 3.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 03

Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 03

3.01 Il-minuti tas-seduta nru G03 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 4.00 Punti li joħorġu mill-Minuti G 03

4.01 Ma kienx hemm punti mqajma.

Punti li joħorġu mill-Minuti G 03

## 5.00 Komunikazzjoni mis-Sindku inkluż korrispondenza

5.01 Is-Sindku ppreżenta fuq il-mejda tal-Kunsill *Internal Memo* imħejji mis-Segretarju Eżekuttiv bis-suġġett "il-pożizzjoni u l-operat finanzjarju tal-Kunsill" li tratta diversi talbiet ta' ħlas relatati ma' allegat xogħlijiet li twettqu mill-Kunsill preċedent iżda ma kinux awtorizzati mill-Kunsill. Kopja ta' dan ir-rapport hi anessa ma' dawn il-minuti.

*Internal Memo* imhejji mis-Segretarju Ezekuttiv

Wara diskussjoni kien hemm qbil unanimu li tintalab gwida mingħand id-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar ir-rakkomandazzjonijiet li għandu l-istess rapport.

5.02 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li jinħareġ *tender* għal servizz ta' *Contracts Manager*. Il-Viċi Sindku Doris Coleiro ssekondat din il-proposta. Il-

Ħruġ ta' *tender* għal servizz ta'

| | | |
|---|---|---|
| | Kunsill qabel unanimament. | *Contracts Manager.* |
| 5.03 | Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-Kunsill jaħtar żewġ membri mill-pubbliku biex ikunu parti mill-Bord tal-Aġġudikazzjoni.<br><br>Wara diskussjoni li saret ġie deċiż li għandu jkun hemm persuna waħda biss mill-pubbliku u li din tkun biss osservatur u għaldaqstant ma jkollhiex vot. Il-Kunsill iddeċieda li l-għażla għal din il-persuna għandha tiġi diskussa fis-seduta li jmiss. | Ħatra ta' membru mill-pubbliku sabiex jifforma parti mill-Bord tal-Aġġudikazzjoni |
| 5.04 | B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0759/13** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva ittra ta' ringrazzjament u apprezzament mingħand il-Kulleġġ San Nikola Skola Primarja Rabat, għas-sehem tal-Kunsill f'Jum il-Premjazzjoni. | Ringrazzjament mingħand il-Kulleġġ San Nikola Skola Primarja Rabat |
| 5.05 | B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0680/13** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva ittra ta' ringrazzjament u apprezzament mingħand il-Kulleġġ San Nikola Sekondarja Subien Naxxar għas-sehem tal-Kunsill f'Jum il-Premjazzjoni. | Ringrazzjament mingħand il-Kulleġġ San Nikola Sekondarja Subien Naxxar |
| 5.06 | B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0610/13** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva talba mill-*Green MT* sabiex jiltaqgħu mal-Kunsill, biex flimkien jiġu diskussi l-ġbir tal-iskart riċiklabbli fil-lokalità.<br><br>Il-Kunsill qabel li niktbu lil *Green MT* fejn ninfurmawhom li qed nilqgħu din it-talba. | Talba għal laqgħa minn *Green MT* |
| 5.07 | B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0721/13** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva talba mill-*Adi Associates* sabiex jiltaqgħu mal-Kunsill, biex flimkien jiġu diskussi l-Proġett Natura 2000.<br><br>Il-Kunsill qabel li niktbu lil *Adi Associates* fejn ninfurmawhom li qed nilqgħu din it-talba. | Talba għal laqgħa minn *Adi Associates* |
| 5.08 | B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0566/13** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand iċ-*Chairman* tal-Mepa l-Perit Vince Cassar, sabiex issir laqgħa mal-Kunsill biex flimkien jiġu diskussi l-problemi fil-lokalità li huma relatati mal-ambjent u mal-ippjanar.<br><br>Il-Kunsill qabel li niktbu liċ-*Chairman* tal-Mepa fejn ninfurmawh li qed nilqgħu din it-talba. | Talba għal laqgħa miċ-*Chairman* tal-Mepa |
| **6.00** | **Awtorizzazzjoni tal-Ħlasijiet** | |
| 6.01 | Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-iskeda tal-ħlasijiet numru 221 tiġi approvata. Issekondaw din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro u l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament. | L-iskeda tal-ħlasijiet numru 221 |
| **7.00** | ***Quarterly Financial Statements (Jan – Mar)*** | |
| 7.01 | Ġie maqbul unanimament li *Quarterly Financial Statements (Jan – Mar)* jiġu diskussi fis-seduta li jmiss tal-Kunsill. | *Quarterly Financial Statements (Jan – Mar* |
| **8.00** | **Għażla tal-offerta tal-Knis Manwali tat-toroq – Żona 1 - RLC/T/122/13** | |

8.01 Is-Sindku ppreżenta l-minuti tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni, liema minuti jinsabu hawn annessi. Il-Kunsill qabel unanimament mal-proposta tal-bord li din l-offerta għandha tingħata lil *W.M Environmental Ltd* għall-prezz ta' €11,499 peress li din kienet l-orħos offerta.

Għażla tal-offerta tal-Knis Manwali tat-toroq – Żona 1 - RLC/T/122/13

**9.00 Għażla tal-offerta tal-Knis Manwali tat-toroq – Żona 2 - RLC/T/123/13**

9.01 Is-Sindku ppreżenta l-minuti tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni, liema minuti jinsabu hawn annessi. Il-Kunsill qabel unanimament mal-proposta tal-bord li din l-offerta għandha tingħata lil *Euro Clean Waste Services* għall-prezz ta' €11,630 peress li din kienet l-orħos offerta.

Għażla tal-offerta tal-Knis Manwali tat-toroq – Żona 2 - RLC/T/123/13

**10.00 Għażla tal-offerta tal-Knis Manwali tat-toroq – Żona 3 - RLC/T/124/13**

10.01 Is-Sindku ppreżenta l-minuti tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni, liema minuti jinsabu hawn annessi. Il-Kunsill qabel unanimament mal-proposta tal-bord li din l-offerta għandha tingħata lis-Sur Owen Borg għall-prezz ta' €13,750 peress li din kienet l-orħos offerta.

Għażla tal-offerta tal-Knis Manwali tat-toroq – Żona 3 - RLC/T/124/13

**11.00 Għażla tal-offerta tal-Knis Manwali tat-toroq – Żona 4 - RLC/T/125/13**

11.01 Is-Sindku ppreżenta l-minuti tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni, liema minuti jinsabu hawn annessi. Il-Kunsill qabel unanimament mal-proposta tal-bord li din l-offerta għandha tingħata lil *Euro Clean Waste Services* għall-prezz ta' €11,632 peress li din kienet l-orħos offerta.

Għażla tal-offerta tal-Knis Manwali tat-toroq – Żona 4 - RLC/T/125/13

**12.00 Tiġdid tal-offerta għall-provvista u tqegħid ta' konkos - RLC/T/105/12**

12.01 Is-Sindku ressaq l-offerta RLC/T/105/12 għall-provvista u tqegħid ta' konkos, sabiex din l-offerta tiġi mġedda għal sena oħra.

Il-Kunsill qabel unanimament li din il-kwotazzjoni tiġi mġedda.

Tiġdid tal-offerta għall-provvista u tqegħid ta' konkos - RLC/T/105/12

**13.00 Tiġdid tal-offerta tal-asfaltar tat-toroq bil-*crete print* – RLC/T/097/11**

13.01 Is-Sindku ressaq l-offerta RLC/T/097/11 tal-asfaltar tat-toroq bil-*crete print*, sabiex din l-offerta tiġi mġedda għal sena oħra.

Il-Kunsill qabel unanimament li din il-kwotazzjoni tiġi mġedda.

Tiġdid tal-offerta tal-asfaltar tat-toroq bil-*crete print* – RLC/T/097/11

**14.01 Tiġdid tal-kwotazzjoni għall-ġbir ta' annimali mejta - Q/077/11**

14.02 Is-Sindku ressaq kwotazzjoni Q/077/11, għall-ġbir ta' annimali mejta sabiex din il-kwotazzjoni tiġi mġedda għal sena oħra.

Il-Kunsill qabel unanimament li din il-kwotazzjoni tiġi mġedda.

Tiġdid tal-kwotazzjoni għall-ġbir ta' annimali mejta - Q/077/11

**15.01 Tiġdid tal-kwotazzjoni għall-polza ta' assikurazzjoni tal-uffiċċji tal-Kunsill -**

**Q/079/11**

15.02 Is-Sindku ressaq kwotazzjoni Q/079/11 għall-polza ta' assikurazzjoni tal-uffiċċji tal-Kunsill, sabiex din il-kwotazzjoni tiġi mġedda għal sena oħra.

Il-Kunsill qabel unanimament li din il-kwotazzjoni tiġi mġedda.

Tiġdid tal-kwotazzjoni għall-polza ta' assikurazzjoni tal-uffiċċji tal-Kunsill - Q/079/11

**16.00 Korrispondenza**

16.01 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0772/13** is-Segretarju Eżekuttiv qrat Memo 9/2013 dwar Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għal Korsijiet *Lifelong Learning* 2013-14. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill għandu japplika għal żewġ korsijiet li jaqgħu taħt Sezzjoni A, li huma l-Malti u s-Somom. Dawn iż-żewġ korsijiet jingħataw lir-residenti Maltin li għandhom diffikultajiet fil-litteriżmu u jingħataw mingħajr ħlas. Il-Viċi Sindku Doris Coleiro ssekondat din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għal Korsijiet *Lifelong Learning*

16.02 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0704/13** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill irċieva stedina mis-Soċjetà Agrarja sabiex il-Kunsill jieħu sehem fil-wirja tal-Imnarja permezz ta' eżebit agrikolu.

Il-Kunsill qabel li jieħu sehem f'din il-wirja.

Stedina mis-Soċjetà Agrarja

16.03 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0730/13** is-Sindku informa il-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva proposta minn TM sabiex jitneħħew il-*parking bays* li hemm faċċatta tal-*bus stop* li hemm ġo Triq Ġorġ Borg Olivier k/m Triq tal-Virtù.

Il-Kunsill ma qabilx ma' din il-proposta u ġie deċiż li l-Kunsill fit-tweġiba tiegħu jibqa' jisħaq li qabel bdiet il-kumpanija Arriva l-Kunsill kien għamel lista ta' rakkomandazzjonijiet fosthom li jintużaw *buses* żgħar.

Il-Kunsill saħaq ukoll dwar il-bżonn li jiġu infurzati t-tabelli li hemm sabiex vetturi kbar ma jgħaddux minn dik it-triq.

Proposta minn TM dwar *parking bays* fi Triq Ġorġ Borg Olivier k/m Triq tal-Virtù

16.05 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0655/13 u 50/0690/13** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand is-Soċjetà Piroteknika 15 ta' Awwissu Mosta kif ukoll mingħand il-Kunsill Lokali tal-Mosta, fejn talbu lill-Kunsill jikkonsidra li ssir manutenzjoni tat-triq, iż-żbir tas-siġar u l-qtugħ ta' ħaxix selvaġġ li hemm matul it-triq li twassal għall-post tan-nar tal-imsemmija soċjetà.

Il-Kunsill qabel li għandu jilqa' t-talba tas-soċjetà u jsir ż-żbir tas-siġar kif ukoll il-qtugħ tal-ħaxix. Rigward l-manutenzjoni tat-triq il-Kunsill iddeċieda li din għandha ssir fix-xhur li ġejjin.

Talba mingħand is-Soċjetà Piroteknika 15 ta' Awwissu Mosta u Kunsill Lokali Mosta

**17.00 Minuti Kumitat Amministrattiv Virtù – Seduta numru A30**

17.01 Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-KA tal-Virtù A30 jittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsillier Nazju Cassar issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

Minuti KA Virtù A30

## 18.00 Materji Oħra

| | | |
|---|---|---|
| 18.01 | Il-Kunsillier Andrew Mallia ppropona li l-Kunsill jagħmel talba lill-Prinċipal tal-MCAST u lir-Rettur tal-Università ta' Malta sabiex l-istudenti jidbew jingħataw iċ-ċans li kemm l-*Assignments* kif ukoll il-*Practicums* ikunu bbażati fuq il-bżonnijiet tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li ssir din it-talba. | Talba lill-Prinċipal tal-MCAST u lir-Rettur tal-Università ta' Malta |
| 18.02 | Il-Kunsillier Andrew Mallia ppropona li l-Kunsill jitlob laqgħa wkoll mal-Ministru Evarist Bartolo sabiex miegħu tiġi diskussa t-talba flimkien mal-proposta tal-Kunsill għall-iskola sekondarja. Issekonda din il-proposta s-Sindku Charles Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament. | Talba għal-laqgħa mal-Ministru Evarist Bartolo |
| 18.03 | Is-Sindku saħaq dwar il-bżonn li jsir qtugħ ta' ħaxix u tindif fi Triq il-Markiż. Il-Kunsill qabel li jsir it-tindif meħtieġ. | Qtugħ ta' ħaxix u tindif fi Triq il-Markiż |
| 18.04 | Il-Kunsillier Ian Vassallo talab li jsiru *road markings* fi Triq il-Mantell, il-Baħrija.<br><br>Il-Kunsill qabel li ssir talba lil TM. | *Road markings* fi Triq il-Mantell |
| 18.05 | Il-Kunsillier Ian Vassallo saqsa dwar il-problema tad-drenaġġ fi Triq Għobbejra. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li l-Kunsill kien għadu qed jistenna tweġiba mill-Korporazzjoni għas-servizzi tal-Ilma (WSC). | Problema tad-drenaġġ fi Triq Għobbejra |
| 18.06 | Il-Kunsillier Ian Vassallo talab li l-Kunsill jikteb lil awtorità kkonċernata dwar il-kappella ta' San Mikiel is-Sinċir (San Ċir) li tinsab il-Fiddien. Huwa saħaq dwar il-bżonn li jsir restawr urġenti lil din il-kappella medjevali minħabba li din qed tiddeterjora biż-żmien. Il-Kunsill qabel unanimament. | Talba dwar il-kappella ta' San Mikiel is-Sinċir |
| 18.07 | Il-Kunsillier Ian Vassallo ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill il-problema li jafaċċjaw ir-residenti ta' Triq Pietru Griscti, Għar Barka. Hu qal li dawn ir-residenti minn dejjem kienu jipparkjaw il-vetturi tagħhom nofs fuq il-bankina u nofs fit-triq, u dan kien isir minħabba li t-triq tagħhom hija waħda dejqa. Hu kompla billi qal li dawn l-aħħar xhur qed imur il-gwardjan lokali u jħarrek lil dawn ir-residenti. Għaldaqstant huwa talab li l-Kunsill jagħmel talba lil TM sabiex il-parkeġġ f'din it-triq jiġi regolarizzat. Il-Kunsill qabel unanimament. | Problema ta' parkeġġ fi Triq Pietru Griscti |
| 18.08 | Il-Kunsillier Stephen Borg saħaq dwar il-bżonn li ssir *zebra cross* ġo Triq Ħal Bajjada ħdejn il-mużew tal-bniet. Hu qal li din it-triq hija waħda perikoluża biex wieħed jaqsam. Il-Kunsill qabel li ssir talba lil TM. | *Zebra Cross* Triq Ħal Bajjada |
| 18.09 | Il-Kunsillier Nazju Cassar talab li titwaħħal mera fi Triq tal-Virtù kantuniera ma' Triq l-Merħliet. Il-Kunsill qabel. | Titwaħħal mera fi Triq il-Virtù kantuniera ma' Triq l-Merħliet |
| 18.10 | Il-Kunsillier Nazju Cassar talab li jitnaddfu l-konki tas-siġar li hemm Għar Barka. Il-Kunsill qabel. | Tindif ta' konki Għar Barka |
| 18.11 | Il-Kunsillier Nazju Cassar talab li jsir *extensive patching* fi Triq Misraħ Suffara minħabba li hemm trinka li reġgħet infetħet. Il-Kunsill qabel. | *Extensive patching* fi Triq Misraħ Suffara |
| 18.12 | Il-Kunsillier Nazju Cassar saħaq dwar il-bżonn li jerġgħa jittella' mill-ġdid ħajt tas-sejjieħ li ċeda taħt il-knisja tal-Imtaħleb. Hu qal li din it-trejqa hija ta' periklu għall-pubbliku. Il-Kunsill qabel li tinġieb stima tax-xogħol. | Ħajt tas-sejjieħ li ċeda taħt il-knisja tal-Imtaħleb |
| 18.13 | Il-Kunsillier Nazju Cassar talab li jinżabru żewġ siġriet li hemm ġo Triq Ġużeppi Balzano. Il-Kunsill qabel. | Żbir ta' siġar fi Triq Ġużeppi Balzano |

**19.00 Data tas-seduta li jmiss**

19.01 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss għandha ssir nhar it-Tnejn 17 ta' Ġunju 2013 fis-7.00 ta' filgħaxija. Data tas-seduta li jmiss

19.02 Il-laqgħa ntemmet fil-9.58 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum it-Tnejn 17 ta' Ġunju 2013

**Charles Azzopardi**
**Sindku**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**